# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 452/97

Charles Cordina

vs

Housing Authority u Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali

Illum 28 ta' Gunju 2002

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li permezz tieghu r-rikorrent sostna li garrab ingustizzja wara l-Elezzjoni tal-1987 billi tnehha mill-kariga li kellu ta' Supervisor mal-Housing Authority minghajr gustifikazzjoni valida u meta fis-snin ta' wara baqa' ma jinghatax zidiet fil-paga tieghu.

Illi r-rikorrent f'Marzu 1987 gie impjegat regolarment bhala Messaggier Grad II mal-Awtorita' tad-Djar u f'April gie promoss ghall-kariga ta' Supervisor. Wara l-Elezzjoni tal-1987 ir-rikorrent ingustament gie meqjus bhala irregolari u tnizzel ghal grad ta' Labourer u l-paga li kellu giet iffrizata. F'Novembru 1992 inhatar Labourer fi Group A, u zamm il-paga li kellu minghajr ma tizdied. effett mill-1 ta' Jannar 1994 ir-rikorrent gie assorbit ghall-grad ta' General Hand, skala ta' paga 19. Matul dan iz-zmien kollu r-rikorrent baqa' jaghmel fid-Dipartiment tal-Housing l-istess xoghol li huwa kien jaghmel qabel Mejju 1987.

Illi minhabba t-tnehhija tar-rikorrent mill-grad ta' Supervisor fil-1987 huwa tilef kull increment fil-paga u meta irtira bata' l-konsgwenzi ta' dan fl-ammont ta' pensjoni li nghata.

Illi b'hekk ir-rikorrent garrab ingustizzja u sofra u qed isofri telf finanzjarju b'konsegwenza taghha.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li dan t-Tribunal jinvestiga l-ilment imsemmi skond l-Att VIII tal-1997 u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzja fl-impieg meta fil-1987 tnehha mill-kariga ta' supervisor mal-Awtorita' tad-Djar u meta wara baqa' ma nghatax iz-zidiet relattivi fil-paga u jaghti rimedju xieraq billi jigi dikjarat illi r-rikorrent ghandu jitqies li billi jigi ddikjarat li r-rikorrent ghandu jitqies li baqa fil-kariga ta' Supervisor wara l-987 u ghandu jinghata z-zidiet fil-paga li huwa tilef u li r-rata ta' pensjoni tar-rikorrent ghandha tigi aggustata billi tinhadem fuq il-paga mizjuda tieghu, u fin-nuqqas ta' dan, it-Tribunal ghandu

jordna li r-rikorrent jithallas is-somma ta' Lm5000 b'kumpens ghat-telf li hu sofra u li ser isofri minhabba l-ingustizzja li garrab.

Ra l-lista ta' xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Awtorita` tad-Djar li permezz taghha l-Awtorita' eccepiet:

1. Illi dan l-ilment ma jikkoncernax l-Awtorita' tad-Djar izda lid-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali li huwa entita' totalment differenti.

2. Illi s-Sur Cordina ghalkemm kien impjegat mal-Awtorita' tad-Djar kien qed jaghmel xoghol fl-ufficcju tad-Dipartiment tad-Djar.

3. Illi b'rizultat ta' ftehim li kien intlahaq bejn il-Gvern u l-Unions ir-rikorrent kien iddikjarat bhala haddiem irregolari u gie offrut xoghol mill-Gvern u mhux mill-Awtorita' tad-Djar bhala Group A ma l-istess Gvern.

4. Ghaldaqstant l-Awtorita` tad-Djar ma kienetx involuta fid-decizjoni mehuda bejn il-Gvern u l-Unions fir-rigward tal-Haddiema imsejha Irregolari.

Ra r-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali li eccepixxa:

Illi tinhtieg korrezzjoni fir-rikors promotur biex dan ikun in regola mal-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Illi r-rikorrent originarjament kien impjegat tal-Malta Shipbuilding izda kien misluf lill-Ministeru tad-Djar fejn kien jirrapporta ghax-xoghol. Fis-26 ta' Frar 1987 huwa kien gie sekondat mad-Dipartiment tal-Housing b'effett mill-1 ta' Marzu 1987. Jirrizulta li huwa sussegwentement kien gie impjegat ma l-Awtorita' tad-Djar fis-17 ta' Marzu 1987 bhala messaggier Grade II.

Illi b'effett mill-1 ta' April 1987 ir-rikorrent kien inhatar fil-grad ta' supervisor ma' l-Awtorita' tad-Djar.

Illi s-sitwazzjoni tar-rikorrent sussegwentement giet regolata bil-ftehim ta' bejn il-Gvern u l-Unions tad-9 ta' Ottubru l-1987 billi r-rikorrent kien klassifikat mid-Dipartiment tax-Xoghol fil-kategorija ta' haddiem impjegat irregolarment u cioe' haddiem impjegat f'impieg pubbliku minghajr ma gew osservati d-disposizzjonijiet Kostituzzjonali dwar l-Ugwaljanza ta' access ghall-impieg pubbliku.

Fl-1 ta' Jannar 1992 il-posizzjoni tar-rikorrent giet regolarizzata billi huwa nghata l-hatra ta' haddiem Group B b'mod li hu baqa jinghata l-istess paga li kellu qabel (u cioe' izjed mill-paga ta' Group A) pero' ukoll b'mod li din ma setghetx tizdied sakemm din tibqa' oghla mill-paga tal-Group A.

Ir-rikorrent pero` xorta nghata z-zidiet ghall-gholi tal-hajja.
Illi ghalhekk id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali ma wettaq ebda nuqqas fil-konfront tar-rikorrent fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1992.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-istess Direttur.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra illi xehed ir-rikorrent Charles Cordina u kkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tar-rikors. Semma li kien impjega ruhu mal-Housing Authority u li beda jahdem ma' l-Awtorita' tad-Djar bhala Messaggier fl-Ufficcju tas-Segretarju Parlamentari Leo Brincat u baqa' hemm sa gimgha wara l-elezzjoni mas-Segretarju Parlamentari gdid li kien Dr. Joe Cassar. Semma li wara gimgha ntbghat id-Dipartiment tad-Djar, l-Auberge de Baviere u fl-1992 sar jaf li sar haddiem irregolari mal-Gvern Group A. Hu kien baqa' jaghmel l-istess xoghol ta' Supervisor ghax kien supervisor tal-messaggiera. Lilu, l-Agent Segretarju tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali kien qallu li hu meqjus bhala haddiem irregolari. Sa l-1989, kien ha z-zieda pero' wara l-1989, ma ha ebda zieda. Qatt ma gie moghti spjegazzjoni ghaliex hu gie meqjus bhala haddiem irregolari. Meta kien dahal ma' l-Awtorita'

tad-Djar kellu appointment bil-miktub. Meta ntbaghat mill-Awtorita' tad-Djar ghall-Baviera, hu ma nghata l-ebda letter of appointment. Spicca mill-impieg tieghu sentejn ilu meta hareg bil-pensjoni u qabel ma rtira kien Grupp A u wara sar Grupp C, jaqa' taht General Hand.

Qabel ma gie mpjegat mal-Housing Authority kien jahdem ix-Shipbuilding u applika ghal messaggier mal-Housing Authority. Fix-Shipbuilding kien Assistent Fitter. Semma li kien attenda ghal interview biex dahal il-Housing Authority.

Xehed Mario Caruana bhala rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol li semma dwar il-fatt li r-rikorrent gie meqjus bhala haddiem irregolari ma kienx id-Dipartiment li ghamel din id-decizzjoni izda l-kumitat tal-verifika.

Xehed Joe Buttigieg rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali li kkonferma r-risposta tad-Dipartiment. Semma li kien il-kumitat tal-verifika li effettivament iddikajara li r-rikorrent bhala haddiem irregolari.

Xehed Victor Sciberras Grioli General Manager tal-Awtorita tad-Djar li ilu f'din il-kariga mill-1996 u li qabel kien fil-grad ta' Assistant General Manager. Semma li hu jaf kemm lil Anthony Micallef, William Fenech, Godwin Maurin, Charles Cordina li ghandhom rikors numru 363, 365, 366 u 452 rispettivament kollha istitwiti kontra l-Awtorita' tad-Djar. Dawn kollha gew sekondati mill-Quality Shoes hlief Cordina li gie mis-Shipbuilding, pero' ma

nstabet l-ebda data meta bdew jaghmlu xoghol mal-Awtorita' tad-Djar jew Dipartiment tad-Djar. Qabel William Fenech kien impjegat mal-Quality Shoes jaghmel Clerical Duties Housing, Anthony Micallef mal-Quality Shoes jaghmel Clerical Duties Housing u Charles Cordina, MSB.

F'Marzu tal-1987 is-segretarju tad-Djar u c-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar Joe Zammit kien hareg cirkulari interna numru 1/87 ghall-mili ta' postijiet ta' messengerII li kienet miftuha ghall-persuni rgiel li fid-data ta' l-applikazzjoni kienu attached jew impjegati mal-Awtorita' tad-Djar jew mad-Dipartiment tad-Djar. Kienu saru interviews minn Bord kompost minn V. Esposito bhala Chairman, Gejtu Cilia u Vahlmor Cassar bhala membri u gew intervistati 18 il-applikant u skond l-ordni tal-meritu Anthony Micallef gie fil-hames post, William Fenech fl-ghaxar post, Godwin Maurin fit-12 il-post, u Charles Cordina fit-tlettax il-post. Permezz ta' riselezzjoni tal-Bord datata 1 ta' April 1987, Charles Cordina gie moghti l-grad gdid ta' Supervisor, b'effett mill-1 ta' April 1987. Ma nstab ebda dokument li juri li ntalbet xi approvazzjoni mill-Labour Office.

Xehed <u>George Borg Cardona</u> li fin-1987 kien Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Politika Socjali. Dan semma illi dak iz-zmien kien hemm il-kwistjoni li kienu dahlu numru ta' haddiema li kienu hekk imsejjha 'irregolari', propju minhabba l-fatt illi, kienet qed tigi msemmija sezzjoni 110 tal-Kostituzzjoni li kienet timponi illi haddiema jigu mpjegati mal-Gvern permezz ta' ezami pubbliku jew inkella permezz ta' l-Employment Service tad-

Dipartiment tax-Xoghol, u dan jigifieri li dawk il-persuni li jkunu qed jirregistraw ghax-xoghol.

Zied li aktar tard kien twaqqaf kumitat li hu kien Chairperson tieghu, u kien hemm involut il-Gvern kif ukoll il-General Workers Union. Semma li kien intlahaq ftehim fid-9 t'Ottubru 1987 li l-iskop kien dejjem li jigu definiti l-haddiema rregolari. F'dan il-kumitat kien hemm ukoll l-Attorney General, d-Direttur tax-Xoghol u zewg rapprezentanti mill-unions u cioe' s-Sur Calamatta ghall-GWU u s-Sur Maurice Agius ghas-CMTU. Id-decizjoni kienet li persuni li kienu meqjusa irregolari jigu mpjegati permanenti mal-Gvern u dan kien ghal habta tan-1992. Dawn il-persuni koncernati kellhom jaccettaw impieg fi Group A.

Hu rrefera ghal fatt li l-Kostituzzjoni tghid li impjegat jigi mpjegat mal-Gvern permezz ta' ezami pubbliku jew inkella permezz ta' l-Employment Service u dan naturalment kien applika biha ghal Housing Authority.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent kien dahal ghall-impjieg billi gie sekondat mal-Housing Authority u dan kien wara li l-Awtorita' tad-Djar kien zdied ix-xoghol u kien hemm bzonn ta' aktar haddiema. Ghalhekk kien gie deciz li jigu sekondati diversi haddiema mill-kumpaniji parastatali ghal ma' l-Awtorita' tad-Djar. Kienu wkoll saru diskussjonijiet mad-Direttur tax-Xoghol u ftit wara harget applikazzjoni biex jimtlew il-postijiet ma' l-Awtorita' tad-Djar ta' Messenger II. Ir-rikorrent ghadda u ha il-hatra izda in

segwitu wara l-elezzjonijiet tan-1987 gie mahtur kumitat li permezz tieghu giet riviza l-policy dwar numru ta' haddiema impjegati bhar-rikorrent u dawn gew dikjarati haddiema rregolari wara li kien sar ftehim bejn il-Gvern u l-Unions. Dan il-ftehim kien gie ffirmat fid-9 ta' Ottubru 1987 u permezz tieghu numru ta' haddiema kienu gew ikkunsidrati bhala impjegati mal-Gvern irregolarment.

Issa f'dan l-istadju huwa essenzjali wiehed jikkwota l-Artiklu 110 sub Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jghid li:

Dhul f'impjiegi ma kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew bil-Ligi jew taht xi Ligi ohra, u ma' kull socjeta' jew Korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi Korp li ntqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm il-darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, issir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis sub-artiklu (2) ta' dan l-artikolu.

Dan ifisser li kull persuna biex tigi mpjegata mal-Gvern ta' Malta jew Korp stabbilit li fih il-Gvern ta' Malta ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw u li fuqu jkollhom kontroll effettiv ghandu jsir jew wara ezami pubbliku avzat kif imiss jew permezz tas-Servizz ghall-impjegar kif provdut fis-Sub-Artiklu (2) ta' l-Artiku 110 tal-Kostituzzjoni.

Minn ezami tal-process dwar ir-rikorrent ma jirrizulta la li dahal wara li sar ezami pubbliku w l-anqas illi sar permezz tas-Servizz ghall-impjegar. Inoltre skond il-ftehim fuq imsemmi dawn il-haddiema kellhom jitqiesu bhala **casuals** u jibqghu kkunsidrati sakemm jinghataw xoghol permanenti. Kellhom ikunu flessibbli biex jinghataw xoghol ta' tahrig fl-iskema ta' xoghol jew jista' jkun analogu minghajr ma jitnaqsulhom il-pagi li kellhom u b'kundizzjonijiet ohra li jkunu bhal dawk applikabbli b'mod generali ghall-haddiema tal-Gvern. Ix-xoghol permanenti jinghata jew fis-settur li jaqa' taht il-kontroll tal-Gvern jew fis-settur privat skond kif jaghzel l-individwu.

Ghalhekk fil-fatt jirrizulta illi l-impjieg tar-rikorrent ma' l-Awtorita' tad-Djar kien wiehed **irregolari** u naturalment minn haga rregolari ma jkunx hemm id-drittijiet ta' haddiem regolari. Il-pozizzjoni tieghu giet regolata xi hames snin wara meta l-Gvern fil-fatt tah impieg permanenti. Izda r-rikorrent irid jirrejalizza illi fl-1987 l-impjieg tieghu ma kienx wiehed regolari. Il-ftehim li kien intlahaq bejn il-Unions u l-Gvern ma kien gie bl-ebda mod attakkat mir-rikorrent. Bl-istess mod ir-rikorrent l-anqas jista' jghid li saret xi diskriminazzjoni kontra tieghu ghax hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Ir-rikorrent irid jiprova li gie trattat b'mod ingust paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni anaolga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti. Ara s-sentenza tal-Qorti

Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju 1999 fl-ismijiet "Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru". Ara wkoll "Law of the Euorpean Convention on Human Rights" ta' Harris Boyle and Warbrick pagna 462 et u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Gomien Harris and Zwack" pagna 345 et. Ara wkoll Volum LXXVII-I-127 u 136.

It-Tribunal kien iddecieda fuq l-istess linji u ghalhekk jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Francis Hili kontra Bank of Valletta" rikors numru 144/97 deciza fit-22 ta' Novembru 2001 kif ukoll f'diversi kawzi ohra dwar haddiema rregolari.

Ir-rikorrent qieghed jitlob li l-kuntratt tas-17 ta' Marzu 1987 jigi kkunsidrat validu ossija qieghed jitlob li kuntratt li skond il-Kostituzzjoni kien invalidu jigi ddikjarat bhala validu. Dan certment it-Tribunal m'ghandux il-poter li jaghmlu ghalkemm fl-istess hin japrezza s-sitwazzjoni li fiha spicca r-rikorrent. Ir-rikorrent irid jifhem ukoll illi fil-fatt il-hatra tieghu bhala Messenger II ma kenitx wahda regolari.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent kif formulata fis-sens li jiehu l-grad ta' messaggier II u li l-kuntratt tas-17 ta' Marzu, 1987 jigi kunsidrat validu ma tistax tigi milqugha ghax tmur dirett kontra l-Kostituzzjoni. Izda it-Tribunal jixtieq li f'dan l-istadju jirrileva li r-rikorrent mar-jahdem mall-Awtorita' tad-Djar minn fabbrika parastatali u tqabbad jaghmel ta' Messanger II. Ghamel interview wara li kienet harget call for applications, ghadda, u nghata appointment fis-17 ta' Marzu, 1987 mill-Awtorita kif jidher mid-

dokument tal-istess data rilaxxjat mill-Awtorita u esibit fil-process fejn jinghad li s-Segretarju Parlamentari fl-Ufficju tal-Prim Ministru responsabbli ghall-Informazzjoni u Djar, wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Awtorita' tad-Djar, qabel li r-rikorrent jinhatar Messaggier grad II mal-Awtorita' u bid-dettalji hemm esposti. In segwitu gie infurmat li hu kien haddiem irregolari. Kellu anke l-Ktieb tax-Xoghol iffirmat.

Issa dan kollu ma jsalvax il-posizzjoni u jaghmel regolari dak li kien irregolari u kontra l-Kostituzzjoni. Izda minn-naha l-ohra l-posizzjoni tar-rikorrent hi ftit differenti minn ta' haddiema rregolari ohra fis-sens li fil-kaz tieghu kien hemm proceduri li jmorru aktar lejn principji ta' regoli minn dawk ta' haddiema ohra rregolari fejn dawk il-principji gew totalment injorati. Dan jista' jwassal ghal kumpens **zghir**. Dwar dak li semma fuq Louise Attard u Lorraine Fenech ma ingabux provi dwarhom hlief li dawn kienu Clerks u nisa u li mix-xhieda tar-rikorrenti ftit wara saru tal-fiss. Izda t-Tribunal ma giex moghti infurmazzjoni ulterjuri la ta' meta saru, jekk hux in segwitu ta' xi cirkolari u liema, lanqas gew prodotti huma, u certament dan ma jistax iwassal biex it-talba tar-rikorrent tigi milqugha.

B' riferenza ghall-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali li biex ir-rikors promotur ikun in regola mal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jinghad li tali talba ma saret qatt. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat

fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Il-korrezzjoni ma ntalbet qatt u l-kawza giet intavolata kontra d-dipartiment. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar li l-kuntratt tas-17 ta' Marzu, 1987 ma jistax jitqies regolari, u li r-rikorrent jinghata l-hatra mitluba. Izda minhabba kif graw ic-cirkostanzi tal-fatt u tenut kont li r-rikorrent kien jaghmel xoghol superjuri ghal dak tal-grad li effettivament kien jokkupa [ ara f'dan is-sens Vella Mario vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza 2 ta' Novembru, 2000 u Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta deciza 6 ta' Dicembru, 2000.] it-Tribunal fil-waqt li jichad it-talba tar-rikorrent ghal rimedju kumpensattiv, jilqa' t-talba tar-rikorrent ghal kumpens fl-ammont ta' elf lira [LM1000].

Spejjez bla taxxa.